# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 5 ta' Lulju 2017

## Rikors Numru: 59/2015 CSH

## Melaine Zammit

## vs

## Neil Grima

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici li gie pprezentat nhar id-19 ta' Frar 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, tmien mija w tliet Ewro (€6,803) piu' imghax rapprezentanti self skond skrittura privata (kopja annessa) datata l-ewwel ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (l-1 ta Dicembru 2012).

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Gunju, 2014 u tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta datata 27 ta' Awwissu tas-sena 2014 debitament notifikata lill-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Jigi dikjarat illi din is-somma ta' teccedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta' Neil Grima li gietipprezentata fis-16 ta' April 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi fl-ewwel lok, l-allegat kreditu pretiz huwa inezistenti u l-konvenut m'ghandu jaghti l-ebda flus lill-attrici u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*
2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjoni tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici, li hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Fis-6 ta' Mejju, 2015 xehdet **Melaine Zammit** li pprezentat u kkonfermat l-affidavit taghha li gie mmarkat bhala Dokument CSH. Fl-affidavit taghha qalet illi l-ewwel darba li saret taf lil Neil kien f'Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) u dan billi bdew jitkellmu fuq *facebook* fejn tiftakar illi kien jaf lil ohtha. Ix-xhud qalet li dak iz-zmien kienet ghaddejja minn zmien hazin peress illi kienet ghadha qed tissepara minn ma' zewgha. Fil-fatt qalet illi dak iz-zmien kienet dghajfa fejn tiftakarha tghid lil Neil li ma kinitx lesta ghal relazzjoni izda hu baqa' jinisiti li xtaq jghinha.

Ix-xhud tenniet li xtaqet izomm l-appartament li kienet xtrat fiz-zwieg gewwa M'Scala izda kien hemm *loan* sostanzjali fuqu. Neil kien qal li lest jghinha fil-pagament tal-*loan* u ghalhekk ikkonvinciet ruhha biex l-appartament izzommu peress li kien ser ikollha l-ghajnuna ta' Neil fil-pagament tal-*loan*, izda Neil kull ma kien hallas kien l-ewwel pagament biss tal-loan u l-bqija qatt ma hallas xejn u ghalhekk il-kumplament tal-*loan* baqghet thallsu kollu wahedha fejn kienet thallas pagament kull xahar.

Qalet ukoll illi tiftakar lil Neil jghid li kien jixtieq banka tal-lottu. Ghamlu l-ghalmu taghhom kollu u taghtu l-ghajnuna kollha taghha biex ikun jista' jgib banka tal-lottu. Izda tiftakar li ghal hamest elef Ewro (€5,000) ma kienx ha johroglu l-*loan* biex ikun jista' jgib il-banka tal-lottu. Minhabba f'hekk tiftakar u li qabdet u sellfitu elfejn Ewro (€2,000) li kellha mfaddla u marret taghmel wiccha mal-genituri taghha biex jisilfuha tlett elef Ewro (€3,000) illi mbghad ix-xhud ghaddiethom lil Neil. Il-genituri taghha sellfuha dawn il-flus minghajr problemi ta' xejn ghax xtaqu jarawha kuntenta wara li kienet ghadha kemm ghaddiet minn separazzjoni. Dawn il-hamest elef Ewro (€5,000) kienu ser jintuzaw bhala garanzija ghall-Maltco halli Neil ikun jista' jiftah banka tal-lottu gewwa Triq il-Kappillan Mifsud gewwa Santa Venera.

Ghalhekk, il-flus li nghataw lil Neil kienu elfejn Ewro (€2,000) bhala *cheque* u t-tlett elef Ewro (€3,000) li kienu sellfuh l-genituri taghha permezz ta' *cash*. Ix-xhud tghid li hi u Neil kienu ghamlu ftehim bejniethom li l-flus li gew mislufa lilu u cioe' il-hamest elef euro (€5,000) jirritornahom lura w ghalhekk dawn il-hamest elef Ewro (€5000) kienet tathomlu biss bhala self.

Il-kuntratt tal-banka kien sar man-nutar li hadmet bih ghal post u cioe' in-Nutar Dr. Nicholas Vella izda Neil ma kienx hallsu ta' xoghlu. Fil-fatt, tiftakar lin-nutar icempel lix-xhud u taf li eventwalment in-Nutar kien thallas ta' xoghlu mill-genituri ta' Neil ghax Neil baqa' ma hallsux. Ix-xhud qalet illi lanqas qatt ma taha l-hamest elef Ewro (€5,000) li kienet selfitu u tiftakru dejjem jghidilha m'ghandux minn fejn.

Ghalhekk kienu ghamlu skrittura privata bejniethom bil-firem taghhom it-tnejn fejn kien hemm miktub li kienet silfet lil Neil is-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) bil-patt u l-kundizzjoni li kellu jroddhomlha lura. Tiftakar illi Neil ma riedx li jmorru ghand in-nutar u ghalhekk ghamlu dan il-ftehim bejniethom biss.

Ix-xhud stqarret li waqt li kienu qed jghixu flimkien l-aktar meta kienet tkun qed tinhasel, kemm-il darba kien jiehu l-flus mill-*wallet* taghha bil-mohbi. Ghall-bidu ma kinitx indunat anke peress illi Neil ma kienx jiehu ammonti kbar imma ammonti zghar (mhux aktar minn ghoxrin Ewro [€20]) u hi stess kienet tahseb li nefqithom f'affarijiet biex jghixu. Izda darba tircievi ittra li kienet tghid li kienu qed jinqatghulha l-flus biex tithallas il-*visa* meta hi qatt ma kienet taghmel uzu minnha.

Ix-xhud stqarret li wara li kellhom argument bejniethom Neil ammetta li hu kien hadilha l-*card* tal-*visa* u anke xi flus mill-*wallet* taghha fejn kien fittex il-karta personali taghha u sab il-karta bil-*pin number* tal-*visa* halli jkun jista' jigbed il-flus. Neil kien ammetta li kien qieghed jigbed il-flus mil-*visa card* taghha mil-ATM tal-Gudja u M'Scala fejn kien hadilha b'kollox 'il fuq minn erba' mitt Ewro (€400). Ta' dan hafritlu imma fl-istess skrittura privata li kienu ghamlu tal-hamest elef Ewro(€5,000) nizzlu wkoll dawn l-ammonti illi kien serqilha biex jaghtihomla lura. Kien hemm drabi fejn kellha thallaslu l-kera fix-xahar tal-banka tal-lottu ghax Neil ma jkunx hallasha w qalet illi kien ghamel zewg pagamenti zgur permezz ta' zewg cekkijiet, wiehed ta' sitt mija u disghin Ewro (€690) u iehor ta' sebgha mija w tlettax-il Ewro(€713).

Tiftakar illi darba kienu weqfin fuq il-*lights* tal-Barrani fejn kienu gejjin min-naha ta' Hal-Ghaxaq. F'daqqa wahda nizel ragel samrani irqiq b'nuccali tax-xemx minn go trakk kbir u gie mat-tieqa tan-naha ta' Neil u b'rabja kbira beda jghidlu biex jirritornalu l-flus lura mill-aktar fis possibbli. Ix-xhud baqghet iccassata w tiftakar issaqsi lil Neil xi flus kien qieghed jirreferi ghalihom dan ir-ragel. Neil kien qalilha biex ma tinkwetax ghax kull ma ghandu jaghtih huma disghin Ewro (€90). Izda hi ma kinitx emmnitu. Ix-xhud qalet li darba omm Neil kienet qaltilha li hadilha c-*cheque book* u kien ikkopja l-firma taghha w nefqilha xi flus bil-mohbi taghha. Ix-xhud tenniet li saret taf ukoll li Neil kellu tifel iehor, apparti Liam li kien qalilha bih, pero'

dan it-tifel l-iehor ma riedx jaf bih u qatt ma rah, filwaqt li t-tifel l-iehor kien baqa' jghix man-nanna materna tieghu.

Minhabba l-ispejjez li Neil qalilha li kellu kien qalilha li sab *part time job* gewwa Ghar Lapsi izda wara skopriet li dan ma kienx vera. Fil-fatt fis-26 ta' Dicembru tas-sena 2012, kienet ftehmet ma' habiba taghha fejn marru bil-karozza taghha ghax Neil kien ha dik tax-xhud u kien qalilha li sejjer ix-xoghol biha.

Ix-xhud qalet li meta marru fejn allegatament kien qalilha li kien qieghed jahdem sabu restaurant maghluq. Minflok xoghol, Neil kien gol-banka tal-lottu jaqlibielha ma' mara ohra bl-isem ta' Stephanie Baldacchino minn B'Bugia.

Kienet tkellmet ma' Stephanie u qaltilha li hi ma kinitx taf li qieghed f'relazzjoni w sahansitra kien qalilha li l-karozza taghha kienet il-karozza t'ohtu w anke l-post hu ta' ohtu wkoll. Ix-xhud qalet li kienet tmur tahdem il-banka tal-lottu kuljum wara jew qabel ix-xoghol u sahansitra anke kienet tmur tahdem is-Sibt u ta' dan qatt ma kienet tithallas.

Ghall-habta ta' Frar / Marzu tas-sena 2013 il-Maltco kienet ghalqet t-*terminal* li kellu Niel peress li ma kienx hallashom. Fil-fatt kienet marret mieghu il-BOV tal-Msida u l-*Manager* kien qalilha li Neil ma hallasx lil Maltco l-ammont ta' flus qrib l-ghaxart elef Ewro (€10,000). Ix-xhud stqarret li Neil infurmaha li mhux veru li kellu jaghti dawk il-flus kollha lil Maltco. Wara jumejn kien qalilha li kien mar klijent il-Banka tal-Lottu tieghu u laghab xi flus u lil Neil hallsu b'cekk falz.

Qalet illi minn dakinhar ir-relazzjoni taghha illi kienet damet madwar sena w erba' xhur waqfet hemm ghax ma setghetx tghix ma' persuna tigdeb f'kull haga u ma setghetx tafdah f'xejn.

Wara li waqqfet ir-relazzjoni taghhom, baqghu jitkellmu fuq *facebook* ghaliex ix-xhud baqghet tinsisti ghall-flus li kienet silfitu. Ix-xhud qalet li kienet dejjem tghidlu biex jaghtihomlha izda qatt ma tahomlha. Sahansitra peress li Neil kien jaf il-*password* taghha darba bidlilha l-*password* taghha u beda jidhol fil-*facebook* taghha.

Darba wahda kien hemm habibitha li kienu qed jitkellmu fuq *facebook* u Neil cempel lil din il-habiba w beda jheddidha. Din habibitha kienet ghamliltlu rapport u kienu telghu il-Qorti pero' mbaghad waqqfet kollox minhabba li ma xtaqitx inkwiet aktar.

Qalet li llum il-gurnata hi u Neil qatghu il-kuntatt kollu minhabba li bblokkjaha minn fuq *facebook* apparti li ghandu aktar minn *profile* wiehed u n-numri tal-*mobile* jbiddilhom spiss. Il-banka tal-lottu regghet infethet mill-genituri ta' Neil stess fejn qed jaghmlu uzu mill-hamest elef Ewro (€5,000) li hemm bhala garanzija u li hi kienet selfet lil Neil.

Illi nhar it-8 ta' Frar, 2016 xehdet **Melaine Zammit** in kontro-ezami li ddikjarat illi ommha kienet tat tlett elef Ewro (€3,000) lil Neil. Qalet li min-naha taghha hija kienet tatu elfejn (€2,000) cash, sebgha mija w tlettax (€713) permezz ta' cekk u somma ohra ta' sitt mija u disghin (€690) permezz ta' cekk. Inoltre qalet li kien hadilha s-somma ta' erba' mija (€400) mill-VISA taghha. B'kollox sitt elef, tmienja mija w tliet Ewro (€6,803). Spjegat li l-elfejn Ewro (€2,000) li kienet taghtu kienu taghha. Dawn tathomlu meta kien ha l-banka tal-Lottu. L-attrici spjegat ukoll li dak iz-zmien kienet ghadha kif isseparat minn mar-ragel u ghalhekk kellha xi flus. Dan kien madwar Mejju 2012 pero' kienu damu ma marru ghand in-Nutar ghaliex hu beda jittrattjeni. Ziedet tghid li meta marru ghand in-Nutar diga' kien hemm il-problemi bejnha w bejn Neil ghaliex kien hadilha l-flus mill-VISA u ghalkemm hafritlu fuq affarijiet ta' bejniethom, pero' mhux fuq dawn l-

affarijiet ta' flus. Tant hu hekk li wara li ffirmaw il-kuntratt ghand in-Nutar xorta kienu baqghu jiltaqghu ghal xi zmien, pero' mhux f'relazzjoni.

Sostniet li kienet impjegata tal-bank li kienet issuggeriet illi Neil ikollu *supplementary card* fuq il-kont taghha, pero' nsistiet  li l-kont kien taghha w li kienet qaltlu kategorikament li ma jistax jaghmel uzu mill-card tieghu, tant li kienet zammitha ghandha.  Pero' stqarret li fil-bidu nett il-bank kienu marru flimkien, ghalkemm cahdet li Neil kien jiddepozita flus fuq dan il-kont.  Ikkonfermat ukoll illi Neil kellu cheque book, u dan kien fuqu, pero' hi qatt ma wzatu, ghalkemm setghet tiffirma fuqu.  Qalet li l-paga taghha qatt ma kienet tidhol hemmhekk. Spjegat li waqt li l-kont taghha kien HSBC, dak ta' Neil kien BOV u fil-kont tieghu kien jirranga kollox hu.

Stqarret li qatt m'ghamlet rapport lill-pulizija fuq is-serq ta' flus.  Ghalkenn stqarret li Neil kien ghenha biex iggib il-*loan* fuq id-dar matrimonjali taghha, pero' ma kienx hareg flus. Kien biss deher bhala garanti taghha, w filfatt stqarret li ghadu garanti sal-lum, ghalkemm jista' jitlaq meta jrid.  Sahqet li flus qatt ma hareg. Hija stqarret li jista' jkun illi l-*loan* ma kienx johrog li kieku ma kienx garanti u stqarret li l-flus li kellha kienu l-elfejn Ewro (€2,000) li kienet tat lil Neil.

Spjegat li fethet il-kawza sabiex tigbor flusha kollha, ghalkemm qatt ma immaginat li kellha tasal s'hawn.  L-attrici sostniet li meta fethet il-kawza ma kinitx kjamathom pero' sussegwentement l-avukat taghha nfurmatha li setghet izzid.  Ghalkemm ammettiet li ma tafx jekk effettivament Neil kellux gia *cheque book* meta beda bil-banka tal-lottu, insistiet c-*cheque book* ma kellux x'jaqsam meta sellfitu l-flus, izda li hu dejjem kien jitlobha l-flus, ghax dejjem kien jghidilha li ma kellux u kien anke jitlobha thallaslu l-banka, tant li filfatt hallsitha darbtejn. Cahdet li ffirmat ic-cheques biex huwa jkollu prova tal-hlas, izda sahqet li l-flus kienet tathom lil sid il-banka w kitbithom hi ghaliex ic-cheque book kien jghajjat lilha.

Fis-6 ta' Mejju, 2015 xehdet **Tessie Zammit** li tigi omm l-attrici. Din ikkonfermat li bintha tassew kellha relazzjoni ma' Neil Grima u li dan kien verament ha banka tal-lottu gewwa Santa Venera u bintha kienet qaltilha li kellu bzonn jissellef is-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) ghal garanzija. Peress li bintha kienet ghadha hierga minn separazzjoni w hi xtaqet taraha kuntenta, sellfitha is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) permezz ta' cekk li harget f'isem Neil Grima oltre li tatha is-somma ta' elf (€1,000) iehor f'*cash*. Tghid li taf li sussegwentement bintha selfitu elfejn Ewro (€2,000) ohra, u dan qalitulha bihtha stess, u ghalhekk bejniethom tawh hamest elef Ewro (€5,000).

Tikkonferma li llum il-gurnata l-kontendenti m'ghadhomx f'relazzjoni. Tghid li ghalkemm ippruvat tkellem lil Neil dwar dawn il-flus, qatt ma rnexxielha taqbdu w minflok kellmet lil ommu Tessie u din qablet li hi (x-xhud) ghandha ragun u fil-fatt offritilha li meta tkun tista' thallasha lura.

Tghid li ma kien hemm xejn bil-miktub dwar dan is-self, izda taf li bejn bitha w Neil kienet saret xi kitba u li Neil iffirmaha. Ikkonfermat li sal-lum ghadha ma hadet xejn lura u li lanqas s'hawn ma xtaqet tasal.

**Tessie Zammit** regghet xehdet fil-15 ta' Lulju, 2015 fejn giet murija fotokopja ta' cekk ezebit f'dawn l-atti fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) mahrug fil-25 ta' Mejju 2012 u mmarkat bhala Dokument BOV 4 a fol. 55 tal-process. Ikkonfermat illi dan ic-cekk huwa tal-Bank of Valletta mahrug mill-kont li ghandha flimkien ma' zewgha Alfred Zammit, favur Neil Grima. Ikkonfermat ukoll li effettivament kienu tawh is-somma ta' elfejn Ewro (€2000), izda tghid ukoll li apparti din is-somma kienet taghtu l-flejjes li semmiet fix-xhieda taghha precedenti.

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2015 fejn talbet lill-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni fl-ammont pretiz mill-attrici u dan billi minflok l-

ammont ta' hamest elef u erba' mitt Ewro (€5,400) piu' imghax tigi l-ammont ta' sitt elef tmien mija u tlett Ewro (€6,803) piu' imghax legali u dan taht kwalunkwe kundizzjoni illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa w opportuna.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Gunju, 2015 fejn ordnat in-notifika tar-rikors b'erbat (4) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-rispota ta' Neil Grima pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Gunju, 2015. Rat illi t-talba rikorrenti giet akkordata fis-16 ta' Gunju, 2016 u ghalhekk ordnat li isiru il-korezzjonijiet kif mitluba.

**Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC** xehdet fl-1 ta' Lulju, 2015. Hija giet mitluba tixhed dwar card number 4035710035911135. Tghid illi din kienet card fuq kont f'isem Melaine Mugliett, pero' llum-il gurnata dan in-numru nbidel. In-numru llum huwa 4035710035962930. Tghid illi l-ewwel savings card gdida harget fit-28 ta' Jannar 2013 u l-kont originali nfetah fl-24 ta' April tas-sena 2012. Inoltre tghid li fuq dan l-istess kont kien hemm *supplementary card* f'isem Neil Grima bin-numru 4035710035907182. Dan il-kont infetah fl-24 ta' April 2012 u nghalaq fit-28 ta' Jannar tas-sena 2013. Esebiet kopja tal-*bank statement* relatat ma' dan il-kont li l-Qorti mmarkat bhala Dokument HSBC. Tghid li meta effettivament saru l-*withdrawals,* hemm indikat fil-card, fl-istatement min ikun ghamel il-withdrawals relattivi u dan permezz tal-card number. Rigward ic-cekk mahrug mill-HSBC, Zachary Street, Zabbar, cheque number 57 mill-kont ta' Melaine Mugliett a favur Joe Falzon fl-ammont ta' €690, tghid illi dan ic-cekk kien gie negozjat gewwa l-Bank of Valletta u l-istess japplika ghal cekk numru 65 intestat lill-istess persuna Joe Falzon datat 5 ta' Lulju 2012. Tghid li kopja ta' dawk ic-cekkijiet jinsabu nseriti fl-atti.

Fl-1 ta' Lulju, 2015 xehed **Joseph Caruana** ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta spjega li gie mitlub jaghti xi dettalji dwar zewg *photo images* ta' cekkijiet mahruga mill-HSBC, Zachary Street, Zabbar f'isem u intestati lil Joe Falzon, wiehed minnhom datat l-1 ta' Gunju 2012 u l-iehor datat 5 ta' Lulju 2012. Jghid ukoll li apparti dawn it-tnejn kien hemm cekk iehor mahrug mill-Bank of Valletta datat 25 ta' Mejju 2012 fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000). B'referenza ghac-cekk numru 57 fl-ammont ta' sitt mija w disghin Ewro (€690) jghid li dan ic-cekk kien jifforma parti minn deposit account 40018013049 intestat f'isem Rose Falzon. Eesebixxa kopja ta' depozitu li l-Qorti mmarkat bhala Dokument BOV. Eesebixxa wkoll kopja tal-i*statement* relattiv fejn jidher li dahal dan ic-cekk li gie mmarkat bhala Dokument BOV1. B'referenza ghat-tieni cekk fl-ammont ta' sebgha mija w tlettax-il Ewro (€713) datat 5 ta' Lulju 2012, jghid li dan ukoll intestat f'isem Joe Falzon u gie depozitat fl-account number 13804318011 intestat f'isem Joseph Falzon and Rose Falzon. Esebixxa kopja ta' *deposit slip* li giet immarkata bhala Dokument BOV2 kif ukoll kopja tal-*bank statement* mmarkata bhala Dokument BOV3. B'referenza ghat-tielet cekk, cioe' dak intestat f'isem Neil Grima fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000), jghid li dan ic-cekk hareg mill-kont ta' Alfred Zammit u Tessie Zammit fil-25 ta' Mejju 2012 u gie depozitat fl-account number 40014837229 f'isem Neil Grima. Ipprezenta kopja tac-cekk li qed jigi mmarkat bhala Dokument BOV4 kif ukoll tal-i*statement* BOV5. B'referenza ghac-cekkijiet bin-numri 57 u 65 mahruga mill-HSBC jghid li dawn inhargu mill-kont ta' Melaine Mugliett it-tnejn pagabbli lil Joe Falzon.

Fil-15 ta' Lulju, 2015 xehed **Joseph Falzon** fejn ikkonferma illi bejn sentejn u tliet snin qabel kien kera banka tal-lottu li tinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud gewwa Santa Venera lil Neil Grima. Ikkonferma li effettivament Neil kien hallsu permezz ta' zewg cekkijiet mahruga minn Melaine Mugliett, wiehed fl-ammont ta' sitt mija w disghin Ewro (€690) datat l-1 ta' Gunju u l-iehor ta' seba' mija u tlettax-il Ewro (€713) datat 5 ta' Lulju tas-sena 2012.

Jghid li naturalment dawn dahhalhom fil-kont tieghu. Ikkonferma li z-zewg cekkijiet ezebiti fl-atti BOV u BOV 2 huma cekkijiet tieghu.

Permezz ta' nota pprezentata fis-27 ta' April, 2016, il-konvenut **Neil Grima**, pprezenta l-affidavit tieghu fejn beda billi kkonferma li f'Ottubru 2011 huwa beda johrog mal-attrici li dak iz-zmien kienet ghaddejja bi procedura ta' separazzjoni minn ma' zewgha. Din kienet esprimiet ix-xewqa li tibqa' tghix fl-appartament mixtri fiz-zwieg taghha go Marsaskala w hu serrhilha mohhha li se jghinha kif seta' w filfatt kien ikkostitwixxa ruhhu bhala garanti ghal-loan fuq dan l-appartament. Qal li kieku m'ghamilx hekk, il-bank ma kienx se jaccetta li Melaine tiehu l-loan ta'dan l-appartament ghal fuqha. F'April 2012 il-loan dar kollu ghal fuq Melaine u hu sar il-garanti taghha, u kien beda jhallas life assurance ta' €33.90 fix-xahar. Apparti minn hekk, kien hallas ukoll nofs ta' tliet ripagamenti ta' dan il-loan. In sostenn ta' dan, il-konvenut annetta account statements li gew immarkati bhala Dok. NG1, minn fejn jidher li apparti l-life assurance ta' kull xahar, fil-5 ta' Lulju, 2012, fit-3 ta' Settembru, 2012 u fit-2 ta' Novembru, 2012 saru tliet transfers fl-ammont ta' €240.79 mis-savings account tieghu ghall-joint account li hu u Melaine kellhom in komuni. Hu qal li fuq dan il-kont Melaine kienet uzat kunjom xbubitha 'Mugliett'. Spjega li l-loan kienet tinqata' minn dan il-joint account u hu kien ghamel tliet transfers ghal go fih biex jghin lill-attrici fil-pagamenti tal-loan taghha. Sostna li ta' dan qatt ma fittex maghha.

Wara ftit zmien kienu ftehmu li Melaine kellha tibda thallas il-loan wahedha filwaqt li hu kellu jhallas l-ispejjez kollha tal-hajja cioe' ikel, dawl, ilma u servizzi ohra. Hawnhekk stqarr li dak iz-zmien kien jghix ma' Melaine f'dan il-post u sostna li dak li kien johrog hu f'xahar kien ferm iktar mill-pagamenti mensili li kienet thallas Melaine ghal-loan.

Kompla li huwa minbarra li kien il-garanti ta' Melaine, kien ukoll nefaq ammont sostanzjali ta' flus fil-fond taghha ghal xoghlijiet u ghal xiri ta'

washing machine fost l-ohrajn. Stqarr li Melaine kellha hafna spejjez minhabba s-separazzjoni u allura kien jghinha. Dak iz-zmien hu kien jahdem fil-catering u kellu paga fissa. Qal li kien ilu bil-hsieb li jahdem ghal rasu billi jiggestixxi banka tal-lottu u ghalhekk bejn April u Mejju sab banka gewwa Santa Venera. Immedjatament kien mar ikellem lis-Sur Charles Vasallo, illum irtirat, li dak iz-zmien kien branch manager tal-Bank of Valletta tal-Balluta. Spjega li biex seta' jiehu l-banka tal-lottu, hu kellu bzonn loan ghaliex kellu jaghti €25,000 lil certu Rosmar Pace bhala rigal tal-istess. Il-loan tieghu gie approvat fit-3 ta' Mejju, 2012 u fil-fatt il-bank sellfu €25,000 permezz ta' zewg cheques. Il-konvenut esebixxa Sanction Letter li giet immarkata Dok. NG2. Apparti minn hekk Vassallo kien qallu li ried ikollu €5000 f'kont bankarju ghaliex il-bank kien ser jorbothom bhala garanzija a favur Maltco Lotteries Limited. Qal li hu ma kellux €5000 u Vassallo irrangalu ghal €3,595 (cioe' l-ammont indikat fuq is-Sanction Letter bhala personal loan). Stqarr li ma kellux €2000 ohra ghal din il-garanzija ghaliex l-uniku flus li kien fadallu kienu proprju €2000 li kien warrab ghall-kapparra. Qal li apparti r-rigal, hu kellu jaghti lil Rosmar Pace €3,000 bhala kapparra. Qal ukoll li l-massimu li l-bank seta' jsellfu kien €28,595.

Zied li Melaine riedet tghinu f'din ic-cirkostanza, u talbet l-ghajnuna tal-genituri taghha. Filfatt ommha kienet tatu €2,000 b'cekk u €1,000 cash. Qal li l-€1,000 ziedhom mal-€2,000 li diga' kellu w tahom lil Rosmar Pace li ried il-kapparra fi flus kontanti. L-€2,000 li tatu omm Melaine, iddepozitahom fil-kont tieghu fl-istess gurnata li ddepozita it-€3,000 li kien issellef mill-bank taht *personal loan.* B'hekk bl-€2,000 li tatu omm Melaine u t-€3,000 li ssellef mill-bank, ghaqqad il-€5,000 ghall-garanzija. Fit-28 ta' Mejju 2012, dawn ingibdu mill-bank flimkien ma' €85 bhala *bank charges* (Dok. NG3). Inharget garanzija favur Maltco Lotteries, biex jekk huwa jonqos li jhallashom, huma jkunu protetti (Dok. NG4).

Sostna li mhux minnu dak li qalet l-attrici fl-affidavit taghha partikolarment fejn tghid li hi tatu €2,000 u marret taghmel wiccha mal-genituri taghha ghal €3,000, kif ukoll li l-€2,000 kienu cekk filwaqt li t-€3,000 kienu cash. Zied li dak li qed jghid hu huwa l-verita', tant li anke c-cekk esebit mir-rapprezentant tal-HSBC Joseph Caruana (fol. 55) huwa prova li omm Melaine harget cekk f'ismu fis-somma ta' €2,000, liema cekk gie depozitat fis-26 ta' Mejju 2012. Zied li omm Melaine ikkonfermat dan kollu fix-xhieda taghha tas-6 ta' Mejju 2015. Ghaldaqstant izid li Melaine mhix tghid il-verita' meta tghid li t-€3,000 tal-genituri taghha kienu cash (meta fil-verita' kienu €2,000 cekk u €1,000 cash) u l-€2,000 kienu cekk. Insista li fil-kontro-ezami taghha l-attrici tikkontradixxi lilha nnifisha meta tghid "*jien kont tajtu elfejn cash*" u kompla li bhala stat ta' fatt Melaine ma tatu l-ebda flus biex iservu bhala garanzija u fil-fatt ghamel tajjeb ghall-garanzija in parti bi flus u in parti bl-ghajnuna ta' omm Melaine.

Spjega li omm Melaine kienet sellfitu dawn il-flus wara li l-*loan* gie approvat, u allura wara li kien cert li seta' jiehu l-banka tal-lottu. F'Gunju 2012 huwa beda jahdem ghal rasu fil-banka tal-lottu go Santa Venera. Stqarr li fil-bidu baghta ghaliex ma kellux flus imwarrbin biex jixtri l-biljetti minghand Maltco Lotteries Limited u stqarr li Melaine ghenitu billi taghtu €2,000 biex jixtri l-iscratchers biex ikun jista' jibda, liema flus uzahom ftit wara li beda fil-banka. Qal li l-attrici dawn il-flus tathomlu minn jeddha bla ma talabha hu, u zied li kien qalilha li se jrodd lura kemm lilha w kemm lil ommha una volta jigi fuq saqajh.

Kompla li f'Lulju 2012 kien ghamel hafna bejgh, u dan ghenu jigi fuq saqajh malajr u f'Awissu 2012 beda jrodd lura l-flus li kienu tawh Melaine u ommha. Zied li ma tahomlhomx f'daqqa izda fuq medda ta' tliet xhur u f'Ottubru 2012 kien tahom kollox. Spjega li l-flus li sellfitu omm l-attrici, waslu ghandu permezz ta' l-attrici u fil-fatt kien tahom lura lill-istess attrici li qaltlu li ghaddiethom lil ommha.

Il-konvenut qal li lejn l-ahhar ta' Novembru 2012 ir-relazzjoni ta' bejniethom ma baqghetx tajba w filfatt Melaine hassret minn mieghu, pero' mbaghad regghu irrangaw lejn l-Ewwel tas-Sena. Fl-10 ta' Jannar 2013 siefru flimkien mal-familja tieghu, fejn missieru kien hallas il-passagg ghal kulhadd u hu kien hallas ghall-akkomodazzjoni ta' Melaine u taha €4,000 spending money, minn €7,000 li kien rebah ftit qabel. Sostna li Melaine dejjem gawdiet mieghu pero' ghall-kuntrarju taghha, hu ma jistax ifittixha ghall-flus ghaliex m'hemmx provi taghhom.

Qal li l-attrici qed tibbaza din il-kawza fuq karta ffirmata bejniethom (Dok. A) f'Lulju 2012. Nonostante hu dejjem weghedha li malli jaqbad bil-banka tal-lottu kien se jrodd il-flus lilha w lil omma, Melaine xorta riedet taghmel din il-kitba. Spjega li fuq din il-karta, li nkitbet minn Melaine, m'hemm l-ebda data. Hija kitbet li kienet sellfitu €5,000 bhala garanzija fuq il-banka tal-lottu, w hu ma kienx qalilha biex taghmel *breakdown* tal-ammonti u tispjega x'jirrapprezentaw, u dan partikolarment ghax kien jaf li se jroddhom lura fi zmien qasir.

Sostna li l-iskrittura saret f'Lulju 2012 u mhux f'Dicembru, tant li sa Ottubru kien heles mid-dejn maghhom. Kompla li fi Frar 2013, meta ntemmet ir-relazzjoni taghhom, Melaine serqitlu c-cwievet tal-post taghha waqt li kien rieqed u dakinhar stess keccietu 'l barra bla ma lanqas taghtu cans jiehu l-affarijiet personali tieghu. Inoltre kienet marret taghmel rapport l-ghassa li hu kien fekkilha subghajha, pero' waqaf kollox hemm. Irrakkonta li l-attrici kienet hadet l-affarijiet id-dar tieghu meta hu ma kienx hemm, izda fost l-affarijiet li rritornat kien jonqos il-*file* personali tieghu u *pouch* kontenenti ricevuti mportanti bhal dawk fejn nefaq flus ghall-appartament taghha. Ghalkemm talabhomlha, qatt ma rritornathomlu w biex jaghlaq l-istorja hu ma nsistiex ghalihom.

Stqarr li qatt ma basar li Melaine se tiftah kawza ghal flus li hu kien raddilha lura. Qal li mhux talli raddilha s-somma shiha ta' €5,400 talli suppost li kellu jkun hu li jfittixha ghal dak kollu li nefaq fil-proprjeta' taghha, pero' dan ma setax jaghmlu ghax m'ghandux provi – cioe' ricevuti.

Zied jixhed li Melaine fl-ittra ufficjali taghha tal-2014 qalet li l-iskrittura hija datata 29 ta' Dicembru, 2012, mentri meta fethet din il-kawza fi Frar 2015 qalet li l-iskrittura hi datata 1 ta' Dicembru, 2012. Mill-banda l-ohra huwa cert li data fuq l-iskrittura ma kienx hemm u zied li kemm id-data tal-1 ta' Dicembru kif ukoll 29 ta' Dicembru 2012 ma jaghmlux sens ghax sa dak iz-zmien hu kien diga' radd kollox lura u zgur li ma kienx se jiffirma. Inoltre qal li ma jaghmilx sens li wiehed jaghmel skrittura seba' xhur wara li l-flus ikunu gew mislufa.

Sahaq li kuntrarjament ghal dak li qalet l-attrici, hu kien issellef €3,000 minghand ommha f'Mejju 2012 u €2,000 cash minghandha f'Gunju. F'Lulju 2012 saret din l-iskrittura u bejn Awissu u Ottubru 2012 kien ta lil Melaine il-€5,000 kollha lura. Peress li tahomlha kollha cash mill-flus li kien idahhal mill-banka, prova ta' dan m'ghandux. Zied li apparti minn hekk hu kien itihomla pagamenti sostanzjali meta kienu jkunu d-dar. Spjega li dak iz-zmien kienu jghixu flimkien u qatt ma ghaddielu minn mohhu li jhallas lura b'cekk jew quddiem xi xhud. Rigward l-€400 migbud mill-VISA, dawn ukoll tahomlha cash. Ghalhekk b'kollox taha €5,400. Cio' nonostante spjega li l-kont kienu fethuh flimkien f'April 2012 bi qbil li setghu juzawh it-tnejn, u kellhom card kull wiehed, kif konfermat mir-rapprezentant tal-HSBC. Sostna li Melaine ukoll gieli wzat dan il-kont, pero' hu qatt ma talabha l-flus lura.

Semma li hu w l-attrici kellhom ukoll *Current Account* flimkien mal-Bank of Valletta u kellhom cheque book f'isimhom it-tnejn ghalkemm hu biss kien jiddepozita fil-kont filwaqt li l-paga ta' Melaine kienet tmur f'kont taghha

mal-HSBC. Spjega li hu kien jiddepozita parti mid-dhul tieghu f'dan il-Current Account u Melaine setghet u fil-fatt kienet tuza flusu. Il-konvenut esebixxa cekk image fl-ammont ta' €52.50 (Dok. NG5), minn fejn jidher li Melaine hallset il-licenzja tal-karozza taghha minn dan il-kont. Cekk iehor (Dok. NG6) juri li l-attrici harget cekk lil certu Noel Fabri, li hu ma jafx min hu, fl-ammont ta' €148.80. Ghaldaqstant qal li l-attrici tigdeb meta tghid li qatt ma wzat dan ic-cekk book.

Apparti dan kollu, l-konvenut zied jghid li huwa kien jaghti lill-attrici €300 fil-gimgha ghax-xirja, biex taghmel xagharha u ghall-manicures, u qatt ma talabha xejn lura. Spjega li l-€400 kien gibidhom f'Lulju 2012 ghax kellu bzonn ftit cash biex isarraf fil-banka. Ftit wara Melaine talbitu jiffirma l-iskrittura, u meta raha taghmel paniku kbir fuq €400, qalilha li jroddhomlha lura kif filfatt ghamel.

Rigward zewg cekkijiet intestati lil Joseph Falzon, spjega li huwa kull xahar ihallas €733 bhala kera tal-banka tal-lottu lil Joseph Falzon. Qal li ghall-ewwel xahrejn li beda fil-banka, cioe' Gunju u Lulju 2012, ma kellux *cheque book* u allura talab lil Melaine tikteb cekk lil Joseph Falzon biex ikollha prova li hallsu. Pero' qal li hawn ma kien hawn l-ebda self ta' flus, ghaliex dak il-hin stess taha l-ammont ta' €690 u €713. Xi zmien wara kien fetah *Current account* li minnu Melaine ukoll setghet tohrog cekkijiet. Sahaq li dawn l-ammont assolutament m'humiex dovuti lil Melaine u li dan hu abbuz da parti taghha, tant hu hekk li ma dahhlithomx fit-talba originali taghha izda zidithom wara. Sostna li kieku dawn verament kienu dejn maghha, zgur li ma kinitx se tinsihom la fl-ittra tal-2014 u lanqas meta fethet dawn il-proceduri fl-2015.

Kompla li kull kuntatt bejniethom waqaf fi Frar 2013 u hi qatt ma talbitu flus la permezz ta' messaggi w lanqas telefonati. Skont hu dan ghax taf li m'ghandu jtiha xejn. Qal li l-ewwel darba li hassru w regghu irrangaw, qatt

ma semmietlu li kellu jtiha xi flus, u dan skont hu ghax kien diga' taha €5,400.

L-ewwel darba li l-attrici hadhet passi legali kontra tieghu kien iktar minn sena wara li hassru, w izid li donnha bdiet kollox meta saret taf li hu w il-partner tieghu kellhom tarbija, bhal donnha riedet taghmel vendikazzjoni. Qal li Melaine uzatu, specjalment minn *chats* li kellha ma' habiba taghha fuq *facebook* fejn kien hemm diskors bhal '*isolhu kemm tiflah'* u '*iva hekk qed naghmel*'.

**Neil Grima** xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2016 u spjega li huwa jikkonferma li effettivament kien ghamel tliet pagamenti fuq il-*loan* ta' Melaine kif jirrizulta mill-istatement tal-bank stess. M'huwiex minnu dak li gie ssuggerit lilu illi Melaine effettivament hallsitu lura tal-pagementi li ghamel hu. Flus ghall-post qatt ma taghtu. Rega' kkonferma bil-gurament tieghu li huwa kien ta lil Melaine erbat elef ewro (€4,000) biex tonfoq meta kienet l-Ingilterra bhala *spending money.* Ikkonferma wkoll li kien hu li hallsilha l-*accommodation* u l-*flight* kien hallasulha missieru bhala rigal tal-Milied ghaliex kien tellaghhom kollha f'daqqa. F'dak iz-zmien il-banka ma kinitx sejra hazin. Il-banka tal-lottu kienet sejra hazin fi Frar tas-sena wara li gew mis-safar u mhux qabel u fil-fatt meta kien siefer il-banka kienet ghadha miftuha u kien qabbad in-nies jahdmu go fiha.

Fix-xahar ta' Lulju 2012 kien mar tajjeb hafna u qala' ammont sostanzjali ta' flus pero' ma jfissirx illi l-banka tal-lottu kienet maghluqa wara dan iz-zmien. Ikkonferma l-iskrittura li hemm ezebita fl-atti ma saritx f'Dicembru izda f'Lulju 2012 meta kien ha l-banka tal-lottu u dak iz-zmien ir-relazzjoni tieghu ma' Melaine kienet ghadha wahda tajba. Ikkonferma li f'Dicembru kienu hassru ghal ftit zmien u f'Jannar 2013 kienu siefru flimkien. Hu rega' kkonferma li l-flus kien tahomlha u meta Melaine giet biex tnehhih mill-post u huwa hareg hu telaq minn hemmhekk b'xejn u effettivament Melaine

kienet baghtitlu l-affarijiet tieghu ghalkemm ma baghtitlux kollox u hemmhekk kien hemm ukoll ircevuti u provi li huwa kien hareg il-flus. Dan il-*pouch* kien izommu go *pouch* fil-*cupboard* fil-kcina u Melaine ma taghtulux dan il-*pouch* mal-affarijiet tieghu. Il-*pouch* kien kulur iswed. Spjega wkoll li ma' dan il-pouch kien hemm *file* ukoll li m'ghaddietulux. Wara li huwa u Melaine hassru r-relazzjoni ta' bejniethom mistoqsi kellhomx xi relazzjoni fis-sens ta' kuntatt spjega illi fi Frar tas-sena 2013 waqqfu l-kuntatt minn ma' xulxin u lanqas Facebook ma tkellem. Mhux minnu li huwa kien tkellem ma' Melaine. Mhux vera li f'June 2013 kien tkellem ma' Melaine permezz ta' *Facebook chat* u qalilha li kien ha jtiha l-hamest elef euro lura (€5,000) . Effettivament spjega illi Facebook huwa kien ghalqu. Ghal darb'ohra spjega li jichad li kellu dil-konversazzjoni maghha. Il-hamest elef ( €5,000) huwa kien irciviehom billi ommha kienet taghtu elfejn ewro (€2,000) permezz ta' cekk u ommha kienet taghtu elf euro cash (€1,000) u spjega illi Melaine kienet harget hi l-bilanc tal-elfejn ewro (€2,000). Hu lil Melaine kollox taha lura flus. Ommha ma taghtux ricevuta tal-hlas li ghamlilha. Hu kellu relazzjoni tajba maghhom u ghalhekk ma hassx li kellu jitlobha l-ircevuta. L-iskrittura kienet saret zmien wara u mhux fid-data hemm indikata.

Spjega li effettivament kienu ghamlu xi sentejn meta ma kellhom l-ebda kuntatt ma' hadd u mbaghad xi zmien wara kien hemm xi hadd habib tal-familja taghhom li rah bit-tfal u jumejn wara rcieva t-tahrika l-Qorti. Spjega illi kien ircieva ittra minghand Melaine u wegibha l-avukat tieghu u ma rcivejt xejn iktar. Mistoqsi meta effettivament intbaghtet din l-ittra minn Melaine spjega li ma jiftakarx bl-ezatt. Huwa minnu li huwa rcieva zewg ittri: wahda fit-23 ta' Gunju 2014 ittra ufficjali u sussegwentement ittra ufficjali taht il-166A fis-27 ta' Awwissu 2014. Jiftakar dan kien zmien meta ha t-tfal il-bahar. Kien fil-madwar ta' Gunju. Hu ghalih mhux minnu li hemm flus dovuti. Spjega li waqt li kien jghix ma' Melaine kien ihallas ghall-hajja ta' kuljum. Spjega li effettivament peress li jopera banka tal-lottu l-flus ikunu

cash. Ircevuti tax-xirjiet u hekk kollox zamm ghand Melaine. Hu lil Melaine kien itiha l-flus biex tmur tixtri. Spjega illi Melaine gia ghaddiet mill-esperjenza meta isseparat minn mar-ragel u kien hadilha d-dokumenti kollha u qed tuza l-istess tattika mieghu. Mhux minnu illi kienet Melaine illi xtrat il-*washing machine*. Kien hu li ta l-flus lil Melaine biex tixtri *washing machine.* Huwa ma jafx minn fejn Melanie xtrat il-washing machine minkejja li kien hu li taha l-flus. Melaine kienet tahdem go fabbrika u qatt ma kienet tmur tghinu fil-banka tal-lottu minkejja li kienet tigi gewwa l-banka pero' mhux biex tghinu. Huma ma kienux johorgu cekkijiet mill-banka, kienu johorgu cash. Il-*current account* kien ihallas il-kera tal-banka bih u kien jixtri l-iscratchers ghall-banka tal-lottu bic-cheque book. Hu l-klijenti ghar-rebh dejjem *cash* hallashom. Spjega illi l-VISA ta' Melaine ma kienx jaghmel uzu minnha. Kellhom zewg VISA cards fuq l-istess account. Kellhom wahda kull wiehed, wahda f'isimha u wahda f'ismu. Il-VISA li kien juza hija dik intestata lilu. Pero' l-kont kien fuq Melaine ghalkemm il-VISA seta' juzaha hu wkoll u c-cheque book kien fuq ismu u kienet taghmel uzu minnu wkoll. Huwa minnu illi minn mindu giet ipprezentata l-ittra ufficjali u l-kawza kien hemm differenza ghax l-ammont zdied fuq talba taghha minkejja li hu ma kienx sellfilha qabel l-ebda flus.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici li giet ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Marzu 2017 u dik responsiva ipprezentata mill-konvenut seduta stante nhar il-21 ta' Gunju 2017.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2017 l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-attrici qed titlob lil din l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, tmien mija u tliet ewro (€6,803) bl-ispejjez u

bl-imghax rapprezentanti din is-somma allegatament self maghmul lill-konvenut minnha. Illi bhala risposta l-konvenut sostna li l-flus m'humiex dovuti *sic et simplicite*. Jirrizulta li meta sar dan is-self il-kontendenti kienu f'relazzjoni u l-konvenut xtaq jiftah banka tal-lottu u ghalhekk l-attrici ghenitu billi selfitu xi flus flimkien ma' ommha.

L-attrici tallega fix-xhieda taghha li l-konvenut xtaq jiftah banka tal-lottu u sabiex jaghmel dan kellu jipprovdi garanzija fis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) pero' l-konvenut ma kellux din is-somma. Jidher ghalhekk skond ma allegat, li hija selfet lill-konvenut is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) filwaqt li ommha silfitu is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000). Allegat ukoll li l-konvenut kien ghamel uzu minn Visa Card taghha fejn hu kien registrat bhala a secondary holder u minn din il-VISA kien gibed is-somma ta' erba' mitt ewro (€400).

Jidher li maz-zmien ir-relazzjoni ta' bejniethom iddeterjorat u ghalhekk il-partijiet ftehmu li kellhom jiktbu dan is-self quddiem Nutar pero' meta wasal iz-zmien sabiex imorru ghand Nutar, l-attrici tghid li l-konvenut ma riedx imur u ghalhekk kitbu karta bejniethom, liema karta tinsab esebita fl-atti a fol. 2 tal-process fejn f'din il-karta l-konvenut iddikjara li kellu jaghti lill-attrici is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) li kien issellef minn ghandha sabiex juzahom bhala garanzija fuq il-banka tal-lottu li kien ha gewwa Santa Venera u s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) li kien gibed mill-kont tal-VISA taghha. Oltre dan, fl-affidavit taghha tghid li kienet ghamlet ukoll zewg pagamenti ghan-nom tieghu u cioe' billi hallset il-kera tal-banka tal-lottu lil certu Joe Falzon u dan permezz ta' zewg cekkijiet wiehed minnhom fl-ammont ta' sitt mija u disghin ewro (€690) u iehor fl-ammont ta' seba' mija u tlettax-il ewro (€713) u kien ghalhekk li *pendente lite* l-attrici kienet talbet li ssir korrezzjoni fis-sorte mitlub minnha fir-rikors promotur u ghalhekk tikkonferma li hija ghandha tiehu minghand il-konvenut l-ammont ta' sitt elef, tmien mija u tlett ewro (€6,803).

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li dawn il-flejjes illum jinsabu imhallsa, minkejja li ricevuti m'ghandux u li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attrici. Jghid ukoll li r-refuzjoni ta' dawn il-flejjes saru permezz ta' *cash payments*, pero' dettalji tal-modalita' ta' dawn il-hlasijiet li allegatament saru ma tax. Illi ghalhekk ix-xhieda moghtija hija dijametrikament opposta ghal dak li qalet l-attrici fix-xhieda taghha u fil-provi migjuba minnha.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk inter alia:

"… *il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fiddawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*"

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" ipprecizat hekk inter alia:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*" (Vol. XXXVI P I p 319)

*"Illi in segwitu jinghad illi huwa principju guridiku assodat fis-sistema nostrali li f'azzjoni ghall-hlas ta' kreditu skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi imbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut"* – **Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja,** Appell Civili Nru. 554/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell iccitat l-awtur **Phipson** li fil-ktieb tieghu "**On Evidence"**[1] qal "in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case. Dan l-awtur jispiega wkoll (op cit. para 91) illi r-regola "*ei qui affirmat non ei qui negat imcumbit probatio is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case."*

Fid-dawl ta' dan il-principju guridiku ghalhekk, jispetta l-ewwel lill-attrici tipprova l-ezistenza tad-debitu minnha pretiz. Huwa biss fl-eventwalità li ssir din il-prova illi l-konvenut ikun obbligat iressaq il-prova ta' l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-pagament in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu.

Illi bhala prova l-attrici xehdet hi stess u spjegat x'kienu c-cirkostanzi meta hija selfet il-flus lill-konvenut u li parti minn l-istess flejjes gew moghtija lilha minn ommha sabiex jinghataw lill-konvenut. Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li in effetti il-konvenut inghata dan is-self ta' hamest elef ewro (€5,000). Jirrizulta in effetti li l-attrici ressqet lill-ommha tixhed ukoll u tispjega li in effetti kienet selfet il-flus lill-konvenut. Jirrizulta

[1] 11th Edition, para 103

ukoll bhala prova li l-attici hallset zewg kirjiet fuq il-banka tal-lottu skond ic-cheque images esebiti u dan lil Joe Falzon li ukoll gie prodott jixhed u kkonferma li kien rcieva dawn iz-zewg pagamenti. L-attrici ukoll provat li l-konvenut kien irtira s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) mill-VISA card taghha u dan stante d-dokumentazzjoni esebita minnha.

Illi kienu x'kienu c-cirkostanzi li waslu l-kontendenti li jiffirmaw dak il-ftehim esebit fl-atti huma rrelevanti ai fini tal-kawza odjerna u dan ghaliex permezz tal-istess, il-konvenut irrikonoxxa li filfatt kellu jaghti s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) lill-attrici rapprezentanti self, oltre s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) rapprezentanti s-somma ta' flus li huwa gibed mill-VISA card taghha. Ipprovat ukoll li hija ghamlet iz-zewg pagamenti mensili fuq il-kirja tal-banka kif konfermat minn Falzon. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-attrici issodisfat id-dover taghha li tipprova li hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont mitlub minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef, tmien mija u tliet ewro (€6,803).

Minn naha l-ohra l-konvenut jghid li huwa nefaq hafna flus fuq l-attrici tant li anke taha s-somma ta' erbat elef ewro sabiex tonfoq fuq holiday gewwa l-Ingilterra (€4,000) pero' kontro-talba ma ghamilx u ghalhekk dak kollu li huwa seta' nefaq fuqha jew taha, il-konvenut ghogbu li ma jirrikjamax. Dwar il-flejjes li qed titlob l-attrici l-konvenut ma ressaq l-ebda prova la okulari, la dokumentarja u lanqas xi xhud sabiex jikkonferma li l-flejjes gew imhallsa lura. Jghid li l-konvenuta kienet tghamillu hsara fuq il-*facebook* pero' lanqas *image* wahda ta' dak li setght qalet l-attici fir-rigward ta' dan ma pprezenta. Jghid li taha xi flus biex issiefer pero' statement tal-bank biex juri li kien irtira dawn il-flejjes mill-kont tieghu ma pprezentax. Jghid li l-banka tal-lottu ghaddiet minn perjodu ta' zmien meta kien sejjer tajjeb hafna pero' audited accounts ta' dan in-negozju ma pprezentax sabiex jipprova l-introjtu tieghu sabiex jittenta jipprova ghas-sodisfazszjoni tal-Qorti li huwa kien f'qaghda finanzjajra tajba sabiex ihallasha. Dan ukoll ma ghamlux.

Wara li ezaminat l-atti processwali l-Qorti hija tal-fehma li l-attrici irnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti l-ezistenza tad-debitu minnha pretiz minghand il-konvenut.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef, tmien mija u tliet ewro (€6,803).**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut u l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**